

L-Erbgħa 5 ta' April 2017

P8_TA(2017)0106

L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fil-Kroazja ***Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' April 2017 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen fir-Repubblika tal-Kroazja (COM(2017)0017 – C8-0026/2017 – 2017/0011(NLE))**

(Konsultazzjoni)

(2018/C 298/27)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2017)0017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 4(2) tal-Att ta' Adeżjoni tad-9 ta' Diċembru 2011 ⁽¹⁾, skont liema Artikolu l-Kunsill ġie kkonsultat mill-Parlament (C8-0026/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 78(c) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0073/2017),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 112, 24.2.2012, p. 21.